# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GħAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IR-RABA' KTIEB TA' L-1933

## JONQOS KTIEB IEĦOR

Fil-għadd ta' Marzu għidna li jonqosna daqxejn ta' Dizzjunarju tas-Sinônmi Maltin meħtieġ bil-bosta għall-kittieba kollha tal-Malti, biex igħinhom isibu malajr il-kelma li teħtiġilhom u hekk ifissru bir-reqqa l-ħsieb tagħhom u t-tqanqil ta' qalbhom.

Fil-għadd ta' Ġunju għidna li jonqos ktieb ieħor, jigifieri nitfa ta' Prosodija, jew sengħa tal-Versi, għal dawk iż-żgħażagħ maltin li qegħdin jitħarġu fil-poeżija bil-malti.

Sa hawn kollox sewwa, u naħsbu illi dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-lsien malti jaħsbu bħalna li meta jsiru dawn iż-żewġ kotba nkunu mlejna ħtieġa mill-aqwa.

Iżda jonqos ktieb ieħor, bil-malti, mhux għaż-żgħażagħ li qegħdin jitħarrġu fil-poeżija, anqas għall-kittieba mħarrġin fil-proża; imma ktieb għal ħafna nisa miżżewgin, ommijiet, xebbiet, misserijiet u għożba, li ma jafux ħlief bil-malti u li jinsabu fil-bogħod minn xulxin u jridu jfissru ħsiebhom, jew jatu ħbarhom wieħed lill-ieħor. Dan il-ktieb ikun jismu: "Kif għandek tikteb l-Ittri Tiegħek";

u jkun fih xi ftit mirja ta' ittri għal kull-wieħed u waħda minnhom, u għal kull ħabta u għal kull ħtieġa ta' ħajjithom.

Jiġuna f'idejna ittri ta' rġiel u ta' żgħażagħ imsefrin fil-bogħod, li jixtiequ jfissru mħabbithom lin-nisa tagħhom lil ommijiethom, lil uliedhom, lil ħuthom. Bejn vers u ieħor, bejn kelma w-oħra, inti tħoss li hemm qalb li tixtieq, li tħabbat, li tħobb; u l-mara, l-omm, l-oħt u l-bint li tieħu dawk l-ittri, tissabbar, titniehed, titgħaxxaq, tifraħ bihom. Iżda l-ittri, bħala ittri, bħala sura ta' kitba li titlob ir-reqqa kollha tas-sengħa, iġibulek ħniena; l-ebda qies, l-ebda tifsila, l-ebda ħjiel ta' kif għandha tinkiteb din il-ktejba li fiċ-ċokon tagħha tiġbor l-aqwa, l-akbar u l egħżeż siltiet tal-ħajja. Ħsebijiet maħsudin fin-nofs, mifrudin, imqabbżin, imħabblin: dak li jmissu quddiem qiegħed wara, jew fin-nofs; it-tislija li aktarx għandha tkun fil-għeluq, issibha quddiem nett, u ħafna ħwejjeġ żgħar, li jorqmu, iżejnu u jsebbħu l-ittra, ma jidhru mkien.

Dan iżda ma hux l-agħar: mhux darba u tnejn jaslu ittri mingħajr data u mingħajr il-post fejn intefgħu, li, minflok sabar u ferħ, iġibu xi drabi it-tferfir tal-qalb, għax min jeħodhom ma jkunx jista' jwieġeb.

Iżda l-akbar ħsara tiġi minn li l-kliem jitqiegħed bla qies u bla ħsieb, u li għelm-il-waqfiet (punteggiatura) jitqiegħed ħażin, jew ma jitqiegħed xejn, Hekk il-fehma ta' l-ittra tista' titbiddel, tinqaleb, u l-ittra tista' twassal ħbar, tagħrif, talb jew ħsieb xort'oħra minn dak li min jikteb l-ittra jkun jithem, u ġġib dwejjaq flok sabar, jew ittellef xi għinuna bosta drabi meħtieġa u mixtieqa.

L-ilsna kollna magħrufa għandhom kotba ta' din is-

sura; u tgħaxxqek is-sengħa li min jikteb dawk l-ittri għandu biex ifisser kull ma wieħed jeħtieġ, iħoss jew jixtieq; bi kliem xieraq, meqjus, u ħelu, illi la jidrob meta jati ħbar ħażina, anqas ma jaħsad meta jati waħda tajba. Kollox f'postu, kollox f'siktu, kollox imqassam bil-għaqal, bid-dehen u bil-ħajr kif jitolbu d-dwar li fihom wieħed jinsab.

Aħna nħossu illi dan il-ktieb jonqosna bil-kbir, mhux biss għall-ġieħ u għaż-żîna ta' Isienna, iżda wkoll u aktar għall-hena u s-sliema ta' ħutna l-Maltin li ma jafux b'ilsna oħra.